MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 2692/1997/1

**Joseph GATT**

**vs**

**Alfred u Joanne konjuġi FARRUĠIA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-24 ta' Novembru, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li l-imħarrkin jitqiesu ħatja tal-inċident tat-triq li seħħ fil-limiti tar-Rabat, fid-19 ta' Diċembru, 1996, u li jagħmlu tajjeb għad-danni li ġarrab billi ż-żiemel li kien qiegħed isuq kellu jitneħħa minħabba l-imsemmi inċident filwaqt li huwa għamel xahar ma jistax imur għax-xogħol minħabba l-ġrieħi mġarrba, u li jħallsuh dawk id-danni li l-Qorti tillikwida;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fid-19 ta' Ġunju, 1998, li biha l-imħarrkin miżżewġin Farruġia laqgħu għall-

azzjoni attriċi billi qalu li kien l-attur li jaħti għall-ħabta li seħħet, u li għalhekk hu kellu jbati d-danni li ġarrab;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Ottubru, 2000[1], li bih u fuq talba magħmula mill-attur bir-rikors tiegħu tal-14 ta' April, 2000, ordnat bdil fl-atti tal-kawża billi d-data tal-inċident tiġi taqra 19 ta' Diċembru, 1996, u minflok it-23 ta' Diċembru, 1996;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin miżżewġin Farruġia fis-7 ta' Frar, 2001[2], wara li kienu ġew notifikati bl-Att taċ-Ċitazzjoni kif korrett, li biha qanqlu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentejn, skond l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

Rat is-sentenza preliminari tagħha (diversament presjeduta) tat-23 ta' April, 2001[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Ottubru, 2001[4], li bih ħatret bħala perit tekniku lill-Maġġur Stanley Clews biex jagħti stima ta' kemm kien jiswa ż-żiemel tal-attur fi żmien l-inċident;

Rat ir-rapport imressaq mill-imsemmi perit tekniku fis-7 ta' Ottubru, 2002[5], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tal-14 ta' Mejju, 2003;

Rat in-Noti mressqin mill-partijiet[6] li bihom talbu l-ħatra ta' periti perizjuri;

Semgħet lill-espert tekniku jixhed in eskussjoni;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Diċembru, 2003[7], li bih ħatret lil Paul Midolo, Alfred Ċiangura u Kenneth Vella bħala periti addizzjonali;

---

[1] Paġ. 50 tal-proċess
[2] Paġ. 55 tal-proċess
[3] Paġġ. 66 sa 71 tal-proċess
[4] Paġ. 83 tal-proċess
[5] Paġġ. 104-7 tal-proċess
[6] Paġġ. 128 u 129 tal-proċess
[7] Paġ. 142 tal-proċess

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-imsemmija periti addizzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004[8], u minnhom maħlufa kif imiss minn idejn ir-Reġistratur fit-3 ta' Jannar, 2006;

Semgħet lill-istess periti addizzjonali jixhdu in eskussjoni;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-20 ta' April, 2006;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' April, 2006, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni mġarrba minħabba ħtija ta' għamil ħaddieħor. L-attur jgħid li ġarrab danni f'ħabta li kien involut fiha waqt li kien qed imexxi ż-żiemel tiegħu fit-Triq tat-Tarġa, fil-limiti tar-Rabat, Malta, meta safa mtajjar flimkien maż-żiemel tiegħu mill-karozza misjuqa mill-imħarrek. L-attur jgħid li l-imħarrek waħdu jaħti għall-imsemmija ħabta. Minħabba l-ġrieħi mġarrbin miż-żiemel, dan kellu jitraqqad. L-attur, min-naħa tiegħu, ntlaqat ukoll u għamel xi żmien ma jistax imur għax-xogħol. Qiegħed jitlob li jitħallas id-danni;

Illi, mill-fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża joħroġ li l-inċident seħħ fid-19 ta' Diċembru, 1996, għall-ħabta ta' nofsinhar, fit-triq pubblika magħrufa bħala Tat-Tarġa, fil-Lunzjata, limiti tar-Rabat, Malta. L-attur kien għaddej imexxi ż-żiemel tiegħu, imsemmi "*Spencer*", iżommu mill-kappestru[9], bl-attur fuq in-naħa ta' ġewwa qrib iċ-ċint u ż-żiemel fuq barra[10]. Iż-żiemel kien wieħed li jtellaq u l-attur kien xtrah xi disa' (9) xhur qabel mingħand wieħed Carmelo Ellul għal xi sebat elef lira Maltija (Lm 7,000). Dan iż-żiemel kien inġab minn Franza. L-attur kien laħaq

[8] Paġ. 157 tal-proċess
[9] Dikjarazzjoni maħlufa tal-attur, Dok "J1", f'paġ. 16 tal-proċess
[10] Dok "JG1", f'paġ. 34 tal-proċess

tellaq bih fil-Marsa xi drabi qabel seħħ l-inċident[11], iżda qatt fi tlielaq uffiċjali organiżżati mill-Malta Racing Club;

Illi dak il-ħin, l-imħarrek kien qed isuq il-karozza reġistrata E-7315, u ġej mid-direzzjoni opposta. L-attur u ż-żiemel kienu mexjin għat-telgħa, il-karozza nieżla għan-niżla[12]. Iltaqgħu f'liwja[13]. Il-karozza misjuqa mill-imħarrek laqtet liż-żiemel, li ġarrab ksur f'riġlu l-leminija ta' quddiem. L-attur ġarrab ġrieħi ħfief. Iż-żiemel inġarr fil-karru tiegħu lejn il-biċċerija dak il-ħin stess u traqqad minħabba li l-ksur li kellu f'riġlu ma kienx jitfejjaq. Il-kawża nfetħet f'Novembru tal-1997;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ, il-Qorti tibda biex tgħid li m'għandux ikun hemm dubju dwar meta seħħ l-inċident. Għalkemm għall-bidu, l-atti kienu juru li l-ħabta seħħet fit-23 ta' Diċembru, 1996, ħareġ ċar li l-inċident seħħ erbat (4) ijiem qabel. Dan qiegħed jingħad għaliex l-attur innifsu, sa madwar tliet snin wara li fetaħ il-kawża kien qiegħed isemmi data ħażina[14]. Minkejja dan it-tagħrif ħażin, madankollu, ma jidhirx li l-imħarrek kellu xi dubju li, fil-fatt f'dak ix-xahar, kien involut f'dik il-ħabta, u jidher li kien ukoll minħabba f'dak l-inċident resaq lejn il-kumpannija assikuratriċi tiegħu biex tmexxih fil-kwestjoni;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-kwestjoni tar-responsabbilta' għall-ħabta**, jeħtieġ li jsiru tliet konsiderazzjonijiet. L-ewwel waħda hi li din kienet ħabta bejn vettura misjuqa u bhima li kienet qegħda titmexxa matul triq pubblika. L-attur ma kienx riekeb il-bhima, u jidher li kienu t-tnejn mixjin bil-pass ta' passant. Minbarra dan, iż-żiemel (u l-attur miegħu) u l-karozza misjuqa mill-imħarrek kienu sejrin f'direzzjoni kontra xulxin, u għalhekk, meta seħħet il-ħabta ġew wiċċ imb'wiċċ. Meta wieħed iqis li l-inċident seħħ għall-ħabta ta' nofsinhar, wieħed allura jista' jistenna li min kien involut fil-ħabta seta' jara sewwa dak li qed jiġri fil-madwar;

---

[11] Affidavit ta' Carmelo Ellul, Dok "Z", f'paġ. 45 tal-proċess
[12] Dok "FC2", f'paġ. 24 tal-proċess
[13] Xhieda ta' PS 773 Camilleri 1.3.2000, f'paġ. 28 tal-proċess
[14] Ara Dok "JG1", f'paġ. 34 tal-proċess

Illi t-tieni kunsiderazzjoni hija li ż-żiemel u l-attur kienu għaddejjin mal-ġenb tat-triq u telgħin għat-telgħa. Kif fisser l-attur, huwa qagħad in-naħa tax-xellug tal-bhima u qrib ħafna tal-ħajt tas-sejjieħ li jifred it-triq mir-raba' tal-inħawi. Fuq kollox, jgħid li kien qiegħed iżommu qribu kemm jista'. Dawn il-fatti juru (u ma ġew bl-ebda mod kontestati mill-imħarrkin) li ż-żiemel u l-attur sidu ma kinux mexjin f'nofs it-triq u, minħabba t-telgħa, kienu bilfors mixjin bil-mod. Min-naħa l-oħra, l-karozza misjuqa mill-imħarrek kienet ġejja lejhom tinsaq għan-niżla;

Illi bil-ħniena għandu għalfejn jingħad li kull sewwieq ta' karozza huwa fid-dmir li jsur bil-għaqal u li dan id-dmir jiżdied jekk is-sewqan ikun għan-niżla u mhux fi triq wietja[15]. B'żieda ma' dan, ladarba l-post fejn seħħet il-ħabta huwa liwja, huwa mistenni li kull sewwieq li jasal hemm inaqqas il-veloċita' li biha jkun qed isuq u jaħseb għal dak li jista' jiltaqa' miegħu u li ma jkunx jista' jidher minħabba dik il-liwja[16]. Kemm hu hekk, sewwieq għaqli jsuq b'mod li jkun jista' jwaqqaf fit-tul tat-triq li hu jista' jara biex b'hekk ma jinħasadx b'xi ostaklu jew ħaġa li jilmaħha tard wisq biex jilħaq iwaqqaf fit-tul tat-triq li jkun għad fadallu[17];

Illi fil-każ li għandna quddiemna jirriżulta[18] li fejn seħħ l-inċident, it-triq hija wiesgħa madwar sitt (6) metri, u ż-żiemel qala' d-daqqa mill-karozza misjuqa mill-imħarrek meta kien fuq in-naħa tiegħu sewwa, ftit 'il ġewwa mil-qasma medjana immaġinarja tal-istess triq. F'dik il-parti tat-triq hemm wisgħa biżżejjed biex jgħaddu żewġ vetturi biswit xulxin. Il-ħsara li dehret fuq il-karozza kienet fuq il-parti leminija tal-quddiem tagħha. Ma jirriżultax li kien hemm xi tentativ min-naħa tal-imħarrek li jwaqqaf il-karozza billi lanqas ma jirriżulta xi *brake mark*. Jidher li l-imħarrek qata' għad-dritt minkejja li kien fil-liwja u sab liż-żiemel u lill-attur quddiemu. Min-naħa l-oħra, ma ntwera bl-ebda mod li ż-żiemel kien qiegħed iserrep fil-mixja tiegħu u lanqas li l-bhima sfrattat jew ħarbet mill-kontroll

[15] P.A. NC **26.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Brian R. Mizzi et noe vs John Ċiappara***
[16] App. Inf. **20.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Middle Sea Insurance p.l.c. noe vs Joseph Galea et***
[17] P.A. GCD **20.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Lloyd's Malta Limite noe et vs Derin Manġion***
[18] Ara Dok "FC1", f'paġ. 22 tal-proċess

tal-attur. Kemm hu hekk, għal waħda mill-mistoqsijiet li saritilhom, il-periti addizzjonali wrew il-fehma li l-mod kif l-attur kien qiegħed imexxi liż-żiemel mill-kappestru kien tali li l-bhima kienet aktar kontrollabbli;

Illi dawn iċ-ċirkostanzi kollha jwasslu lill-Qorti biex tasal għall-fehma li l-attur ma jaħti bl-ebda mod għall-inċident. Fis-sewwa, għalkemm l-imħarrkin iwaħħlu fl-attur għal dak li ġara, qajla jista' jingħad li ressqu xi prova tajba f'dan ir-rigward, u mill-provi (għalkemm mhux abbundanti) mressqin mill-attur, ma jidher li ikkontestaw xejn b'serjeta';

Illi t-tielet konsiderazzjoni hi li l-imħarrka Joanne Farruġia la kienet riekba ma' żewġha meta dan tajjar liż-żiemel u wisq anqas kienet taħti b'xi mod għal dak li ġara. Jidher li l-"ħtija" waħdanija tagħha, f'għajnejn l-attur, hi li hija miżżewġa lill-imħarrek. L-attur bl-ebda mod ma juri għaliex l-imħarrka għandha titqies responsabbli għal dak li seħħ. F'każijiet bħal dan, il-ħtija dwar għamil li jwassal għall-għoti ta' kumpens trid tirriżulta minn għamil jew omissjoni, u mhux minn sempliċi assoċjazzjoni mal-persuna li tkun taħti. F'dan il-każ, il-qagħda hija regolata mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, partikolarment, mill-artikoli 1031, 1049 u 1327(f) tiegħu;

Illi, minn dawn il-konsiderazzjonijiet kollha l-Qorti tasal għall-fehma li l-ħtija waħdanija tal-inċident taqa' fuq l-imħarrek Alfred Farruġia. Filwaqt li l-imħarrka Joanne Farruġia ma taħti bl-ebda mod, u l-attur ma ikkontribwixxa bl-ebda mod għal dak li seħħ;

Illi **għal dak li jirrigwarda d-danni mġarrbin**, jidher li l-partijiet ikkonċentraw kawżi għal kollox fuq il-valur taż-żiemel. Għalkemm l-attur jgħid li għamel xi jiem ma jistax imur għax-xogħol wara l-inċident, ma ressaq l-ebda prova f'dan ir-rigward u lanqas biss reġa' semma xejn aktar fit-tliet affidavit li huwa ressaq. Minbarra dan, minn dak li xehed l-uffiċjal tal-pulizija li mar fuq il-post, l-attur kien ġarrab biss ġrieħi ħfief. Għalhekk, il-Qorti sejra toqgħod biss fuq il-provi dwar il-valur taż-żiemel tal-attur li, sewwasew minħabba l-inċident, kellu jitneħħa minħabba l-

ġrieħi li ġarrab, u sejra tqis li l-attur ma seħħlux jipprova li huwa ġarrab danni fiżiċi jew xi debilita' fil-persuna tiegħu;

Illi l-attur jgħid li xtara lil "*Spencer*" f'April tal-1996 għall-prezz ta' sebat elef lira Maltija (Lm 7,000). Min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid li l-assikurazzjoni tiegħu offriet lill-attur, bla preġudizzju, kumpens ta' madwar tliet mitt lira (Lm 300)[19]. Naturalment, ma seħħx qbil bejn il-partijiet għaliex bejn iż-żewġ naħat kien hemm baħar jaqsam. Il-periti mqabbdin mill-Qorti – kollha kemm huma midħla mal-qasam taż-żwiemel tat-tlielaq – waslu għall-fehma li l-valur ta' "*Spencer*" dak inhar li ntlaqat u kellu jitraqqad kien ta' elfejn u ħames mitt lira Maltija (Lm 2,500);

Illi f'każijiet fejn il-fehma dwar id-dannu mġarrab tkun mibnija fuq apprezzament tekniku jew speċjalizżat, il-Qorti trid toqgħod b'seba' għajnejn qabel ma twarrab il-fehmiet tal-esperti u tadotta l-fehmiet tagħha. Dan minkejja li l-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tal-periti maħturin minnha[20]. Iżda meta l-alternattiva għall-fehmiet milħuqin mill-periti ġudizzjarji tkun tikkonsisti f'tiftix fi ftit provi kunfliġġenti jew mhux attendibbli, jew it-tiswir ta' fehmiet ipotetiċi jew imsejsin fuq konġetturi, allura r-regola li l-fehma tal-perit ġudizzjarju tikkostitwixxi fatt ta' min joqgħod fuqu toħroġ bħala regola għaqlija li wieħed jagħmel sewwa li jżomm magħha. Il-Qorti jidhrilha li dan hu l-każ fil-kawża li għandha quddiemha. Il-provi miġjuba mill-attur dwar is-siwi tal-bhima ma jidhrux ta' min joqgħod fuqhom;

Illi min-naħa l-oħra, kemm il-perit oriġinali u kif ukoll il-periti addizzjonali waslu għall-fehma waħda dwar il-valur taż-żiemel tal-attur dak inhar li ntlaqat. Dwar dawn il-fehmiet, fiż-żewġ okkażjonijiet[21], l-imsemmija periti ttellgħu b'xhud u ġew eskussi. Mit-tweġibiet tagħhom, toħroġ il-ħila tagħhom fil-qasam u l-għadd ta' fatturi li wieħed irid iqis biex jasal għal valutazzjoni. Minn dawn it-tweġibiet joħroġ ukoll il-fatt li l-periti maħtura jafu sewwa s-suġġett li nħatru biex jirrelataw dwaru, u l-mistoqsijiet li sarulhom

[19] Xhieda ta' Hugh Żammit 10.10.2001, f'paġġ. 78-9 tal-proċess
[20] Art. 681 tal-Kap 12
[21] Ara paġġ. 138 sa 140 u 169 sa 184 tal-proċess

kienu maħsuba li jitkixxfu kemm dawn jafu xogħlhom. Jidher għalhekk, li l-periti ġudizzjarji ħadu kollox in konsiderazzjoni meta waslu għall-fehma tagħhom[22], u għalhekk il-Qorti ma tarax li għandha tilqa' lanqas is-sottomissjoni li l-għaref avukat tal-imħarrkin ressaq fl-aħħar smigħ qabel ma l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Illi minħabba f'hekk, il-Qorti sejra toqgħod fuq il-fehma tal-periti maħturin minnha u tasal għall-konklużjoni li, dak inhar li ttajjar mill-karozza misjuqa mill-imħarrek, "*Spencer*" kien jiswa elfejn u ħames mitt lira Maltija (Lm 2,500) u li għalhekk, ladarba ż-żiemel kellu jitraqqad, dan l-ammont jirrappreżenta d-dannu li ġarrab sidu l-attur u li jrid jagħmel tajjeb għalih l-imħarrek;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrek Alfred Farruġia waħdu jaħti għall-inċident li seħħ fi Triq it-Tarġa, limiti tar-Rabat, Malta, fid-19 ta' Diċembru, 1996, meta waqt li kien qiegħed isuq il-vettura reġistrata E-7315, b'nuqqas ta' ħila u traskuraġni tajjar iż-żiemel "*Spencer*" u lil sidu l-attur, u għalhekk irid jagħmel tajjeb għad-danni mġarrba mill-attur;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-ħsara li ġarrab l-attur fl-imsemmi inċident fis-somma ta' elfejn u ħames mitt lira Maltin (Lm 2,500);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek Alfred Farruġia jħallas lill-attur is-somma ta' Lm 2,500 bħala danni likwidati;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** imressqa mill-imħarrek Alfred Farruġia; u

Tikkundanna wkoll lill-imħarrek Alfred Farruġia jħallas **l-ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk marbutin mas-sentenza preliminari tat-23 ta' April, 2001.

[22] Partikolarment, ara paġġ. 14-6 (tax-xhieda in eskussjoni) tal-proċess

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------